IL-KNISJA F'MALTA

8 ta' Ottubru 2014
108/2014

## INTERVENT TAL-ISQOF MARIO GRECH

## WAQT IT-TIELET ASSEMBLEA ĠENERALI STRAORDINARJA TAS-SINODU TAL-ISQFIJIET

Dan il-waqt tal-istorja, meta aħna msejħin nirriflettu fuq l-isfidi pastorali tal-familja, hu iktar minn qatt qabel *żmien ta' grazzja* biex inxandru l-ferħ tal-Vanġelu lill-familja kollha tal-bnedmin, ibda mill-familja ekkleżjali li, fi kliem il-Qdusija Tiegħu l-Papa, tixbah lil sptar fuq il-kamp tal-battalja.

Bħala isqof li ġej mill-Knisja ta' Malta u Għawdex, nista' ngħid li fil-qalb ta' dawk li jemmnu hemm għatx qawwi għall-Vanġelu: imqar fejn qed isibuha iebsa biex jilqgħu u jgħixu b'mod sħiħ it-tagħlim tal-Knisja dwar iż-żwieġ u l-familja, hemm *tensjoni li tiġbed lejn il-Vanġelu, lejn Kristu*. Tensjoni li tinbidel f'*karba* lilna r-Rgħajja biex naqraw is-*sinjali taż-żminijiet u tal-Ispirtu* ħalli nkunu nistgħu nipproponu l-ġmiel tal-Vanġelu u nwasslu l-faraġ u l-ħniena tal-Feddej lil kulħadd, partikularment lil dawk li sabu ruħhom f'sitwazzjonijiet pastorali diffiċli.

Għeżież Ħuti, jeħtieġ *inkunu kapaċi nidħlu għall-avventura*, *nirriskjaw*, *inkunu kuraġġjużi* biex nistgħu naqdu aħjar il-Vanġelu mingħajr qatt niċħduh. La l-kontenuti, imma lanqas il-*metodu*, l-istess *evanġelizzazzjoni*, ma għandhom jittradixxu dik li għandha dejjem tidwi bħala *Bxara Tajba*. Fid-dawl ta' dan il-kriterju, naqsam magħkom tliet punti li wasalt għalihom wara li smajt il-poplu ta' Alla tal-Knejjes ta' Malta u Għawdex.

L-ewwel punt: **il-kontinwtà (duttrinali)**. Nafu tajjeb li d-duttrina għandna dejjem ninżlu iktar fil-fond tagħha, fiduċjużi fil-wegħda tal-Mulej li l-Ispirtu s-Santu jmexxina dejjem lejn il-verità sħiħa (ara Ġw 16:13). Ma nistgħux *nibdlu* – u hekk inxejnu – il-*Vanġelu tal-familja*. Imma l-familja llum hi anki dik tar-raġel u l-mara divorzjati li qed jgħixu fit-tieni relazzjoni, dik li fiha wlied b'*orjentament omosesswali*, dik fejn hemm tbatija biex wieħed jgħix il-*paternità responsabbli*, dik *miġruħa mill-falliment*, dik mitfugħa f'kultura li *ftit tgħin u tifhem* kunċetti bħalma hi *l-liġi naturali*… Irridu nkunu nafu tajjeb lill-familji tagħna biex nistgħu nħabbru l-Vanġelu b'mod konkret. Punt tat-tluq hu l-**lingwaġġ** – li jrid ikun *lingwaġġ* ta' Knisja li hi omm ħanina u fl-istess ħin tabib! Nistqarr kemm ħassejt dan il-bżonn jiena u nisma' lill-familji ta' persuni omosesswali u lill-istess persuni b'dan l-orjentament li jħossuhom miġruħa mil-lingwaġġ użat għalihom f'xi kitbiet tagħna, ngħidu aħna fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (edizzjoni tal-1997, §2358), u minħabba f'hekk qed ibatu biex iżommu ħajja l-fidi tagħhom fi Kristu u jħossuhom ulied il-Knisja. Hemm bżonn *nitgħallmu nitkellmu b'lingwaġġ* li l-bniedem tal-lum jaf u jħoss bħala lingwaġġ li jista' jikkomunika l-verità u l-karità

evanġelika: "Jekk irridu nadattaw ruħna għal-lingwaġġ tal-oħrajn biex nistgħu naslu għandhom bil-Kelma, jeħtieġ l-ewwel nisimgħu ħafna, jeħtieġ naqsmu fil-ħajja tan-nies u minn jeddna nkunu attenti għalihom" (*Evangelii Gaudium* [EG] 158).

It-tieni punt: **il-kreattività**. Irridu nesploraw, bl-għajnuna tal-grazzja divina, toroq ġodda li permezz tagħhom nistgħu noħorġu niltaqgħu ma' ħutna li jixtiequ jgħixu fi Knisja li "mhix dwana, [imma] hi d-dar tal-Missier fejn hemm post għal kulħadd, kull wieħed bil-ħajja iebsa tiegħu" (EG 47). Dawk li jħossuhom f'sitwazzjonijiet pastorali diffiċli, jinterpellaw u jipprovokaw il-ħtieġa li ninżlu fil-fond tal-kontenuti. Jekk ġiet imsejħa din il-ġemgħa, allura l-Poplu kollu ta' Alla qed iħoss il-ħtieġa ta' *approfondiment* biex jista' jħaddan l-*isfidi pastorali ġodda*. Dan l-approfondiment "kreattiv" irid isir f'isem il-kontinwità mat-tradizzjoni – huwa propju minn din il-kontinwità li joħroġ il-*ġdid*: dak il-ġdid li hu Kristu (ara EG 1). Bla dubju, il-kreattività fil-lingwaġġ u fl-imġiba pastorali mal-persuni li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet pastorali diffiċli mhux sempliċi bidla minn barra, imma jitlob li nfittxu *tweġibiet ġodda* u *metodi pastorali* li nistgħu anki niksbuhom minn Missirijiet il-Knisja. Hu f'waqtu li nistudjaw dawn is-sitwazzjonijiet b'reqqa teoloġika u spirtu pastorali biex nistgħu naslu għal soluzzjonijiet pastorali msejsa fuq approfondimenti duttrinali.

It-tielet punt: **l-akkumpanjament**. Il-Knisja trid toffri *akkumpanjament validu* lill-persuni kollha, waqt li żżomm f'moħħha li "is-sitwazzjoni ta' kull suġġett quddiem Alla u quddiem il-ħajja tal-grazzja tiegħu hi misteru li minn barra ħadd ma jista' jifhem għalkollox" (EG 172). Mingħajr ma nċedu "għall-fataliżmi jew għall-biża'" (*ibid.*) u mingħajr ma naqgħu f'xi xorta ta' vanġelu kif irriduh aħna, irridu nibnu modi kif insieħbu lil kull persuna, u nipproponu mixjiet li jwasslu għal maturità vera fil-fidi u komunjoni fi ħdan il-Knisja. L-akkumpanjament ma jistax jieqaf biss mal-verifika ta' sitwazzjoni hekk imsejħa "irregolari" u meqjusa "irriversibbli", bla mbagħad ma jkollu ċar quddiem għajnejh b'liema mod dawn ħutna jistgħu jikbru iżjed biex jaslu għal *komunjoni sħiħa*.

Hawnhekk inħoss li għandi nagħfas fuq id-diskors Agostinjan dwar il-*patientia* tal-Knisja pellegrina.[1] Wistin jifhem il-*patientia* bħala żmien ta' *pressura (tagħsir)* – dak il-passaġġ neċessarju li bih iż-żebbuġa ssir żejt u l-għenba ssir inbid għal fuq l-imwejjed tas-Saltna. Inħoss li l-koppji u l-familji miġruħa ta' żmienna qed joffru lill-Knisja l-opportunità li tgħix dan iż-żmien ta' *pressura,* bħallikieku qisha fl-istrinġtur.

*Pressura* hi t-tensjoni li toħroġ mil-limiti tal-istess kundizzjoni tagħna; hi t-toqol kbir li l-midinbin jitfgħu fuq il-Knisja. *Pressura* tfisser li nieħdu ż-żmien biex nagħtu ġudizzju finali li jiddiskrimina darba għal dejjem lill-magħżulin. Ma ninsewx li t-"taħlit organiku" hu l-karatteristika tal-Knisja fi żmienna, kif naqraw fil-parabboli tas-Saltna: dik tas-sikrana u dik tas-sajda (ara Mt 13). Wistin jinsisti li dan it-taħlit juri l-awtentiċità tal-Knisja – l-Isqof ta' Ippona jfakkar li Knisja li ma fihiex midinbin u qaddisin, il-qawwija u d-dgħajfa – u jien inżid

[1] Ara Pasquale BORGOMEO SJ, *La Chiesa in cammino: mistero di 'patientia'*, f'*La Civiltà Cattolica* (2007) II, 329-338.

– familji b'saħħithom u familji fi kriżi, mhix il-vera Knisja Kattolika. Xi drabi fil-Knisja n-nuqqas ta' sabar tagħna jista' jikkawża "abort", għax inġiegħlu lil dak li hu prematur joħroġ kmieni żżejjed mill-ġuf tal-omm. Wistin iwissina: "Theżżux bin-nuqqas ta' sabar tagħkom il-ġuf matern tal-Knisja, biex ma tkunux iddejqu l-istess bieb li minnu tridu tgħaddu" (*Sermo* 216, 7(7): *PL* 38, 1080). L-isforz li nagħmlu ta' kuljum biex nitqaddsu m'għandux jinbidel f'intolleranza għad-dgħufija u l-miżerja tagħna jew, agħar u agħar, għal tal-oħrajn – li nfittxu Knisja tal-puri u l-perfetti jkun suwiċidju. Il-Knisja tkun tistabar meta turi solidarjetà mal-aħwa li jifilħu inqas u li lilhom jeħtieġ tgħallem bi mħabba u sabar u mhux iġġarrbilhom l-ispirtu tagħhom sempliċement għax iridu iktar żmien biex jifhmu. Knisja għanja fil-*patientia* hi dik il-Knisja li toffri ruħha biex terfa' fuqha t-toqol tal-oħrajn – hi dik il-Knisja li b'mod attiv tieħu fuq spallejha lid-dgħajjef li mhux kapaċi jimxi fuq riġlejh.

Fil-qalba tal-Vanġelu tal-familja hemm is-*salvazzjoni* ta' kull bniedem, anki ta' dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet pastorali diffiċli. Aħna r-Rgħajja għandna d-dmir li anki lil dawn inwasslulhom il-Vanġelu tal-fidwa. Hu dmir urġenti għax il-bniedem qed jgħix dawn is-sitwazzjonijiet *illum*: issa hu ż-żmien li nwieġbu għal din il-karba tal-Poplu ta' Alla.

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex
President tal-Konferenza Episkopali Maltija